# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu 2022**

**Talba Nru: 121/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**Nicholas Schembri (K.I. 407277(M))**

**Vs**

**Atlas Insurance PCC Limited, Ivan Zammit u b'ordni mogħti fil-verbal tal-21 ta' Novembru 2019 ġie kjamat in kawża Mario Attard**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2019 permezz ta' liema, l-attur talab li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu l-ammont ta' elf, disa' mija, sebgħa u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€1,977.50) rappreżentanti danni sofferti

mill-attur waqt inċidenti f'tellieqa tar-roti fl-10 ta' Marzu 2019[1]. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax;

Ra r-risposta tal-konvenut Ivan Zammit tal-25 ta' Ġunju 2019[2] fejn laqa' għal din it-Talba billi eċċepixxa li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ma seħħx bi ħtija tiegħu, u dan apparti eċċezzjonijiet oħra fil-mertu.

Ra r-risposta tas-soċjetá konvenuta tal-25 ta' Ġunju 2019[3] fejn laqgħet għal din it-Talba billi preliminarjament eċċepiet li din l-azzjoni ma setgħetx titmexxa fil-konfront tagħha u b'eċċezzjoniet oħra fil-mertu;

Ra r-rikors tal-konvenut Zammit tas-26 ta' Ġunju 2019[4] fejn intalab il-kjamat fil-kawża ta' Mario Attard;

Ra l-ordni mogħti fil-verbal tal-31 ta' Novembru 2019 minn dan it-Tribunal kif preċedentement presedut fejn intlaqgħet it-talba għal tali kjamat[5];

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 14 *et seq.*
[3] A fol 15 *et seq.*
[4] Dan ġie erronjament imdaħħal fil-proċess a fol 13, meta kellu jiġi imdaħħal wara l-preżentata tar-risposti tal-konvenuti oriġinali.
[5] Verbal jinsab a fol 23 tal-proċess.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawża Mario Attard tat-27 ta' Jannar 2020[6] fejn dan laqgħa biss b'eċċezzjoni ġenerika li l-pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt[7];

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 2020, tramite liema, il-Prim Imħallef ordna li din it-talba tiġi hekk assenjata lil dan it-Tribunal kif issa presedut[8].

Sema' ix-xhieda ta' PS 1255 Christian Azzopardi[9], PC 546 Jurgen Borg Maggi[10], Milos Muncan[11], Paul Magri[12] u Andrea D'Amato[13] lkoll magħmula fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, u ra d-dokumenti eżebiti.

Ra x-xhieda magħmula permezz t'affidavit tal-attur, flimkien mad-dokumenti annessi[14].

Ra x-xhieda magħmula permezz t'affidavit tal-konvenut Ivan Zammit, flimkien mad-dokumenti annessi[15];

---

[6] A fol 26 *et seq.*
[7] Dwar eċċezzjonijiet simili (ġeneriċi) utli li ssir referenza għal dak li nqtal fis-sentenza fl-ismijiet **Catherine Cauchi vs Keith Seychell**, (Tlb Nru: 176/2019) mogħtija riċentement fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2021.
[8] A fol 36 tal-proċess.
[9] Din tibda a fol 40 tal-proċess.
[10] Din tibda a fol 42 tal-proċess.
[11] Din tibda a fol 43 tal-proċess.
[12] Din tibda *a tergo* ta' fol 49 tal-proċess.
[13] Din tibda a fol 51 tal-proċess.
[14] Eżebit permezz ta' nota apposita li tinsab a fol 58 tal-proċess.
[15] Eżebit permezz ta' nota apposita li tinsab a fol 74 tal-proċess.

Sema' x-xhieda ta' Eucharist Camilleri[16] u l-kontinwazzjoni tal-kontro-eżami tal-attur[17], fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021;

Ra x-xhieda magħmula permezz t'affidavit tal-kjamat in kawża Mario Attard flimkien mad-dokument hemm preżentat[18];

Sema' x-xhieda ta' John Zammit[19], Etienne Bonello[20], Ivan Zammit[21] u ta' Lawrence Camilleri[22] lkoll magħmula fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021, flimkien mad-dokumenti eżebiti;

Sema' x-xhieda ulterjuri in kontro-eżami ta' Milos Muncan[23], Nicholas Schembri[24] u ta' Mario Attard[25] lkoll magħmula fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021;

Ra n-nota tal-attur li biha ġew eżebiti numru ta' sentenzi[26];

[16] Din tibda a fol 104 tal-proċess.
[17] Din tibda *a tergo* ta' fol 106 tal-proċess.
[18] Eżebit permezz ta' nota apposita li tinsab a fol 117 tal-proċess.
[19] Din tibda a fol 127 tal-proċess.
[20] Din tibda a fol 136 tal-proċess.
[21] Din tibda a fol 140 tal-proċess.
[22] Din tibda *a tergo* ta' fol 158 tal-proċess.
[23] Din tibda a fol 175 tal-proċess.
[24] Din tibda a fol 176 tal-proċess.
[25] Din tibda *a tergo* ta' fol 178 tal-proċess.
[26] Nota tinsab a fol 181 tal-proċess.

Sema' t-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta[27];

Ra li għalkemm l-avukat difensur tas-soċjetá konvenuta u tal-konvenut ingħatat żmien sabiex tippreżenta nota bil-ġurisprudenza minnha utilizzat fit-trattazzjoni tal-għeluq, din qatt ma ġiet ippreżentata;

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

**<u>Xhieda/Provi</u>**

Illi f'dawn il-proċeduri xehed PS 1255 Christian Azzopardi[28]. Essenzjalment dan għamel referenza għal rapport magħmul minn membru tal-Pulizija ieħor. Jgħid li l-attur naqas milli jipprovdi r-ritratti li juru l-ħsara. L-istess seħħ fir-rigward tal-

[27] Din tibda a fol 264 tal-proċess.
[28] A fol 40.

istima tal-ħsara. In konro-eżami jikkonferma li essenzjalment huma ma marrux fuq il-post għaliex ir-rapport sar fid-29 ta' Marzu 2019 u l-inċident kien seħħ fl-10 ta' Marzu 2019.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll PC 546, Jurgen Borg Maggi[29]. Huwa kkonferma r-rapport eżebit. In kontro-eżami jikkonferma li r-rapport sar dsatax il-jum wara l-inċident. L-attur kien ikkonferma li l-inċident seħħ *fl-isprint* finali tat-tellieqa.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Milos Muncan. In eżami[30], jgħid li huwa ra l-inċident iseħħ. Jispjega li ra li l-konvenut Ivan, fl-isprint finali jolqot ir-rota tal-attur. Jgħid li dan seħħ rota b'rota. In kontro-eżami fl-istess seduta jgħid li din it-tellieqa ma kinitx *time-trial* iżda tellieqa li jirbaħ min jasal l-ewwel. Mgħid li kien hemm madwar ħamsa u għoxrin parteċipant u li dan seħħ fil-bypass li tieħdok lejn Ħaż-Żebbuġ (Malta). It-triq kienet magħluqa u t-tellieqa kienet madwar disgħin kolometru. Jgħid li l-atleti jagħmlu l-istess rotta diversi drabi. Jikkonferma li l-aħħar tat-tellieqa hija l-punt kruċjali. Huwa kien ftit metri 'l bogħod meta seħħ l-inċident u kien hu li mar jgħin lill-attur l-ewwel. Ma setax jgħid li huwa ra l-kjamat in kawża Mario Attard involut. Jgħid li fl-isprint l-atleti jitilgħu bilwieqfa fuq ir-roti u l-atleti jkunu viċin ta' xulxin. Fil-fatt kien hemm xi għaxar parteċipanti f'dan il-mument, kollha jissiltu biex jiġu l-ewwel. Peress li jkunu fuq saqajhom, ir-rota tixxengel aktar min-naħa għall-oħra. Ir-rota tal-konvenut Zammit kienet nofs rota lura minn dik tal-attur. Hija ħaġa normali li r-roti jixxenglu minn naħa għall-oħra f'dan il-mument. L-ispazju f'dan il-ħin ikun wieħed limitat. Kemm l-attur u l-konvenut Zammit spiċċaw mal-art.

[29] A fol 42.
[30] A fol 43.

Illi in kontro-eżami f'seduta oħra[31], l-istess Muncan ma setax jiftakar fejn kien il-kjamat in kawża waqt l-inċident.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll ċertu Paul Magri[32]. Jgħid lu huwa sid ta' ħanut tar-roti u li l-attur klijent tiegħu. Jaf li l-attur kellu inċident u li talbu stima tax-xogħol riparatorju neċessarju. Ikkonferma l-istima rilaxxata minnu u li din tħallset. In kontro-eżami spjega li ma jkollux kopja tal-irċevuta u ma ftakarx meta kien tħallas.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Andrea D'Amato[33] li huwa l-fisjoterapista tal-attur u kkonferma r-rapport maħruġ minnu. In kontro-eżami fl-istess seduta spjega li din kienet l-ewwel okkażżjoni li l-attur mar għandu. Fil-fatt spjega li l-ewwel sezzjonijiet saru ma kollega tiegħu. Jgħid li l-uġiegħ huwa wieħed sostanzjali u li jaffetwa *r-range of motion* mill-ispalla. Sa fejn jaf hu, l-attur mar għand xi ħadd ieħor fl-istess ħin.

Illi l-attur xehed inizjalment permezz t'affidavit[34]. Jgħid li huwa ċiklist u li jagħmel dan l-isport bħala delizju. Waqt din it-tellieqa, fl-10 ta' Marzu 2019 huwa kien fid-dritta lejn il-linja finali flimkien ma' xi ċiklisti oħra, inklużi l-konvenut u l-kjamat in kawża. Lejn l-aħħar tlett mitt metru huwa ħass imbotattura min-naħa tax-xellug tiegħu. Jgħid li Zammit kien serrep għal fuqu u dan li hu (l-attur) spiċċa fil-crash barriers. Meta kien fl-ambulanza jiftakar li Zammit kien

[31] A fol 175.
[32] *A tergo* ta' fol 49.
[33] A fol 51.
[34] Nota tinsab a fol 58.

skuża ruħu. Huwa kien spiċċa jqatta' lejl l-isptar u sofra xi ksur fil-kustilji, ħsara fil-pulmun u fl-ispalla. Huwa kien mar jagħmel rapport il-Pulizija flimkien ma Muncan għaliex kien dan li ra l-inident. Huwa mar sezzjoni tal-fisjoterapija. Jispjega li huwa sewwa l-ħsara li sofra bi ħlas tiegħu. Jgħid li kien obbligatorju li jkollu polza t'assigurazzjoni li tkopri minn l-anqas *third party cover* li tinkludi korriment fil-ġisem u kif ukoll danni fuq propjetá. Skond hu, Zammit huwa kopert mis-soċjetá konvenuta. Ġew eżebiti numru ta' dokumenti.

Illi in kontro-eżami[35], spjega li t-tellieqa hija ċirkwit li l-atleti iduru madwar ħmistax il-darba. Huwa kien l-isprinter tal-klabb tiegħu u li għalkemm inti tkun f'tim, ittellaq magħhom ukoll. Jgħid li fl-isprint ma tistax taqleb bejn karreġġjata u oħra. F'dan il-każ huma telqu madwar mitejn metru qabel. Kienu għaddejn bejn 50 u 60 kiolmetru fis-siegħa. Imbgħad spjega fejn kienu ċ-ċiklisti l-oħra f'dan il-mument. Jgħid li Zammit kien fuq ix-xellug tiegħu u b'ras imbras miegħu. Attard kien quddiemom it-tnejn. Ma setax jikkonferma li Zammitt serrep fuqu, iżda jassumi li kien hu. Hu ħass id-daqqa ta' Ivan biss u ma jistax jgħid jekk Ivan Zammit kellux daqqa hu wkoll. Kompla jinsisti li l-konvenut ammetta l-akkadut. Ġie riferut għall-fisjoterapija mill-konsulent tal-isptar, flok jagħmel operazzjoni. Is-sessjonijiet kienu ta' success. Ma jaqbilx li fil-laqgħa kien miftiehem li kulħadd ibati l-ispejjeż tiegħu. Dwar messaġġ li huwa bagħat lil Zammit jikkonferma li huwa qatt ma fehem li dan għamel hekk apposta. Jikkonferma li huwa ma setax jiftaħ claim għax l-assikurazjzoni tiegħu kienet biss *third party*. Kien biss wara li sar jaf dan li beda jitlob ħlas mingħand Zammit. Jaqbel ukoll li talab li Zammit jiftaħ claim hu stess u li kien aċċetta li jħallas l-*excess* hu. Jikkonferma li kien irreġistra sabiex jipparteċipa fit-tellieqa.

[35] *A tergo* ta' fol 106.

Illi in kontro-eżami f'seduta oħra[36], l-attur jikonferma li huwa ntlaqgħat mill-ġenb. Jikkonferma li Mario Attard kien quddiemu waqt l-isprint. Jgħid li Mario Attard qatt ma ssemma waqt li kien fl-ambulanza ma Zammit. Jgħid li inizjalment kien ġie riferut għand fisjoterapista tal-Gvern iżda peress li l-appuntament kien sejjer idum mar għand wieħed privat. Fl-aħħar jikkonferma l-firma tiegħu fuq il-formola tar-reġistrazzjoni.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Mario Attard inizjalment premezz t'affidavit[37]. Jgħid li ilu jipprattika ċ-ċikliżmu minn etá żgħira. Ilu jieħu sehem f'dawn it-tlielaq għal tlett snin. Dwar l-inċident jikkonferma li dan seħħ ftit metri biss mil-linja finali, fil-parti kruċjali tat-tellieqa. Hawnhekk, iċ-ċiklisti jqumu bil-wieqfa sabiex jkollom aktar saħħa. B'hekk ir-rota tkun qiegħda tiċċaqlaq min-naħa għall-oħra. Jgħid li hu kien fuq quddiem. F'xi ħin ħass lil xi ħadd iħokk mar-rim ta' wara tiegħu u li kien hemm biżżejjed spazju biex xi ċiklist jgħaddu bejnu u bejn avversarju ieħor. Sema' xi roti jaqgħu warajh. Ma jaqbilx li kien hu li laqgħat lil Zammit għaliex hu kien minn quddiem. Jiċħad li kien hu li daħal fuq Zammit. Jgħid lir-responsabbiltá hija ta' Zammit li kellu jara min kien hemm quddiemu. Hu ma waqax għaliex żamm sod u spicca klassifika t-tieni.

Illi in kontro-eżami[38] l-istess kjamat in kawża jikkonferma li t-tellieqa tintrebaħ minn min jgħaddi l-linja finali l-ewwel. Fl-isprint kulħadd ikun ffukat jħares il-quddiem. Hu kien quddiem nett u ma hemmx mirja fuq ir-roti. Ma jistax jgħid kif seħħ l-inċident. Hu ma waqax, kemm waqaf jippedala malli ħass l-impatt inizjali u mbagħad daħal it-tieni post.

36 A fol 176.
37 Dan jinsab a fol 118.
38 *A tergo* ta' fol 178.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll John Zammit[39], bħala president tal-Malta Cycling Federation. Dwar id-dinamika ta' inċidenti simili jgħid li dawn huma kemxejn mistennija, tant li jieħdu ħsieb ikun hemm mediċi fuq il-post. Jgħid li f'dan l-inċident ma jidhirx li kien hemm skorrettezza fih, għaliex kieku kien ikun skwalifika. Hu ma kienx preżenti. Jgħid li dan kien l-ewwel inċident li spiċċa l-qorti, għalkemm jgħid li inċidenti simili jkun hemm. Jgħid li kull ċiklist irid ikun reġistrat mall-federazzjoni u hemmhekk ikun hemm *disclaimer*. Din ġiet eżebita u x-xhud ikkonferma li kienet rikjesta wkoll għal din it-tellieqa. In kontro-eżami fl-istess seduta eżebixxa wkoll il-minuti tal-laqgħa li kien hemm wara dan l-inċident. Kien ġie deċiż li wara dan l-inċident tinbgħat direzzjoni li l-ebda ċiklist ma jista jfittex lil xi ieħor minħabba inċidenti li jistgħu jinqalgħu sakemm ma jinsab aġir malizzjuz. Jaqbel li dik l-eċċezzjoni ma kienitix tkopri kompetituri oħra iżda nies oħra bħal organizatturi. Għalkemm jgħid li hija responsabbiltá ta' min ikun qiegħed isuq wara li jara minn fejn jgħaddi, jerġa' jikkonferma li ħadd ma ġie skwalifikat.

Illi xehed ukoll Etienne Bonello[40] rappreżentant ta' Greens Club. Huwa spjega kemm it-tip ta' tellieqa u x'jiġri waqt l-isprint finali. Huwa ċċita mir-regolamenti tal-International Cycling Union fejn dan jaqra hekk *rider shall be strictly forbidden to deviate from the lane they selected when launching into a sprint and in so doing endangering others.* Jekk din ir-regola tinkiser iċ-ċiklist jigi skwalifikat. Sa fejn jaf hu ħadd ma ġie la skwalifikat jew immultat. Hu ma rax dak l-isprint. Jgħid li qatt ma kien hemm kawża l-qorti iżda li inċidenti simili jkun hemm. Meta jsir hekk iċ-ċiklisti jirranġaw bejniethom. Spjega li jkun hemm monitoring u la kien hemm l-ebda *zig zagging*. Jibqa' jinsiti li dawn huma

[39] A fol 127.
[40] A fol 136

inċidenti probabbli. Ma kien hemm l-ebda *infringement* tar-regoli. Ġiet eżebita dokumentazzjoni.

Illi l-konvenut Ivan Zammit ukoll inizjalment xehed permezz t'affidavit[41]. Huwa spjega li ftit wara l-inċident kien ħejja dikjarazzjoni u għalhekk reġa' eżebixxa l-istess sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni. F'din spjega li huwa fl-isprint finali kien fuq in-naħa ta' ġewwa. Jgħid li ċiklist ieħor, il-kjamat in kawża, kien fuq ix-xellug tiegħu, dan dar għal fuq il-lemin u Attard miss ir-rota tal-quddiem tiegħu (Zammit) bir-rota ta' wara tiegħu (Attard). F'dan il-ħin Zammit spiċċċa tar. Huwa spiċċa fl-ambulanza mal-attur. Wara l-inċident kien hemm diversi diskussjonijiet fuq kif seħħ l-inċidnet u l-konvenut sab li kien hemm min kien qiegħed iweħħel fih. Fl-14 ta' Marzu, l-attur qallu li kellu (Zammit) jiftaħ claim. Huwa ssuġerixxa li ssir laqgħa. Din seħħet, fil-klabb amministrattiv u kien miftiehem li kullħadd ibagħti l-ispejjeż tiegħu. Fil-fatt l-attur stress ikkonferma li hu ma kienx qiegħed iweħħel fih. Fil-21 ta' Marzu 2019, s-segretarju tal-klabb tiegħu infurmaħ lis-segretarju tal-klabb tal-attur kien infurmaħ li l-attur kien ħa parir legali u kien sejjer jiftaħ proċeduri ċivili. Jgħid li wara dan irċieva messaġġi oħra mill-attur iżda hu ma tax aktar kashom. Fl-affidavit żied jgħid li l-post tal-inċident kien viċin ħafna tal-linja finali u li dak il-ħin il-veloċitá tkun ta' xi ħamsin kilometru fis-siegħa. F'dak il-ħin kienu xi ħames ċiklisti. Jgħid li Mario Attard kien l-ewwel, fuq il-lemin tiegħu kien hemm Brian Rodgers, hu kien wara Attard u mbagħad fuq il-lemin tiegħu. L-attur u ċertu Antoine kienu fuq ix-xellug ta' Mario Attard. Jiċħad li kien hu li serrep għal fuq l-attur. Hu mar fl-ambulanza sabiex jiġi mdewwi huwa stess. Il-manuvra li bdiet kollox kienet ta' Mario Attard. Fl-aħħar jgħid li l-attur ma kienx kopert b'polza. Jgħid li huwa ntalab juża tiegħu sabiex l-attur jitħallas.

[41] Nota tinsab a fol 74.

Illi in kontro-eżami, l-istess konvenut[42] jispjega li anke hu għamel riparazzjonijiet fuq ir-rota tiegħu. Jgħid li qatt ma fetaħ claim kontra Mario Attard, anke għaliex l-ammont kien żgħir. Jgħid li kien wara Mario Attard u hu ġibed lejn il-lemin tiegħu. Kien hemm xi distanza ta' erba' piedi u mbagħad kien hemm Brian Rodgers. Mario kien quddiemu. Kien biżżejjed distanza biex huwa jgħaddi. Imbagħad seħħ impatt ma' Mario Attard. Ma jaqbilx li kien qiegħed jitbandal intenzjonalment sabiex iwaqqaf ċiklisti li kienu ġejjin min warajh. Ma jafx li laqgħat lill-attur. Lanqas jiftakar fejn kien l-attur waqt l-impatt li kellu ma' Attard. Jerġa' jikkonferma li l-attur kien qabel li kulħadd iħallas l-ispejjeż tiegħu. Jikkonferma li sofra dannu fuq ir-rota ta' quddiem.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Eucharist Camilleri[43]. Dan spjega li huwa s-Segretarju Ġenerali ta' Birkirkara St. Joseph Sport Club. Jgħid li Ivan Zammit huwa ċiklist ta' dan il-klabb. Jgħid li ma kienx involut u lanqas attenda għat-tellieqa in kwistjoni. Jgħid li wara t-tellieqa huwa ġie infurmat bl-inċident. Kienet saret laqgħa biex issir diskussjoni fuq dak li seħħ. Zammit m'aċċettax it-tort. Qablu li kulħadd iħallas l-ispejjeż tiegħu. Wara xi żmien irċieva kommunikazzjoni li jew kienet sejra tinfetaħ *claim* jew kienu sejrin isiru dawn il-proċeduri.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Lawrence Camilleri[44]. Hu ċiklist fl-istess tim ma' Mario Attard u dakinhar u kien qiegħed jgħin (fis-sens li kien quddiem Attard) sakemm wasal it-tmiem u resaq sabiex jgħaddi Attard. Brian Rogers kien

[42] A fol 140.
[43] A fol 104 tal-proċess.
[44] *A tergo* ta' fol 158.

telaq fl-isprint m'Attard. Warajom kien hemm l-attur u ftit wara kien hemm il-konvenut. Hu ma baqax viċin waqt l-isprint. Jgħid li ra lill-Zammit jolqot lill-Attard iżda dan baqa' sejjer, fil-pront pero kien hemm kuntatt mal-attur. In kontro-eżami jgħid li hu ma kienx ħafna l-bogħod mill-inċident. Jikkonferma li kienu viċin xulxin. Jikkonferma pero li skond hu ħadd minn dawk involuti kiser xi regola jew issikka lill-ieħor. Kien inċident li seta' ġara. Kulħadd mexa f'linja dritta. Jikkonferma li f'dak il-mument r-rota, mal-qadfa, tibda tigħawweġ. Ma ridtx jikkonferma li Zammit beda jissika lil Attard. L-attur kien wara. Fl-aħħar jaqbel li Zammit tilef il-bilanċ u b'hekk sar l-impatt mal-attur.

**Kunsiderazzjoni**

Illi qabel xejn jeħtieġ li tiġi dibatutta u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetá konvenuta li tgħid li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u l-attur. Għalhekk din l-eċċezzjoni trid li dan it-Tribunal jeħlisha mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex skond hi ma hemm l-ebda rabta mal-attur. Fi kliem ieħor qiegħda teċepixxi n-nuqqas t'interess ġuridiku.

Illi t-Tribunal iqis li din l-eċċezzjoni hija tajba. Għal dak li jirrigwarda l-possibiltá t'azzjoni diretta, skond l-artikolu 9A tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta azzjoni simili tista tiġi diretta kontra s-soċjetá t'assikurazzjoni (flok jew flimkien mal-persuna li għamlet il-ħsara[45]) f'waħda miċ-ċirkostanzi li jsemmi dak l-istess artikolu.

---

[45] Fis-sentenza fl-ismijiet **Bernard Buhagiar et vs George Cortis et** (Ċit Nru: 980/03) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-18 ta' Lulju 2017 ġie ritenut hekk: *"Ghalkemm il-kawza odjerna hija msejsa fuq il-culpa aquiliana, permezz tal-Att XXX, tas-sena 2002, li emenda l-imsemmi Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-sitwazzjoni nbiddlet xi ftit jew wisq, peress li nholqot ilpossibbilit ta' azzjoni sui generis fejn id-danneggjat inghata l-ghazla li jharrek lill-assigurazzjoni tad-danneggjant flok, jew mal-persuna, li kkagunat il-hsara"*

Illi peress li skond dan it-Tribunal l-mertu tal-azzjoni attriċi ma tikkonfigurax f'xi ċirkostanza li jrid l-artikolu 9A tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta (għaliex ma hemmx involviment ta' vettura bil-mutur), l-eċċezzjoni hija meritoveli t'akkoljiment. Ma hemm l-ebda rabta bejn dak li seħħ, għal dak li jikkonċerna l-attur, u s-soċjetá konvenuta.

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi milqugħa u għalhekk t-Tribunal isib li għandu jillibera lis-soċjetá konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju.

## <u>Mertu</u>

Illi qabel xejn jenħtieġ lit-Tribunal jagħmel referenza għall-aħħar kumment li seħħ waqt it-trattazzjoni finali da parti tal-avukat tal-konvenuti u ċioé għal-fatt li fit-trattazzjoni saret referenza għal xogħol akkademiku dwar il-prinċipji li jsawru l-aspett legali ta' dan il-każ. Tassew, dan it-Tribunal ma jara xejn stramb li xi awtorità ġudikanti tagħmel referenza għal tali materjal[46]. Anzi, jingħad minn issa, anke peress li l-materjal ġurisprudenzjali lokali in materja (u ċioé azzjoni għal danni emerġenti minn ambjent sportiv) huwa wieħed limitat, li dan it-Tribunal irrefera b'mod profond għal xogħol lokali akkademiku fuq dan[47]. Dawn kienu wkoll t'għajnuna għar-riżoluzzjoni ta' din il-kwistjoni.

---

[46] M'hijiex l-ewwel darba li anke l-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) rreferiet għal tali xogħol. Bħal eżempju issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Direttur tal-Artijiet vs Polidano Brothers Limited,</u>** (App Ċiv Nru: 177/2002/1) mogħtija fis-6 ta' Lulju 2007. B'l-istess mod, bħala eżemplari, ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>The Police vs Harish Daswani</u>**, (App Nru: 315/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-1 ta' Settembru 2020. It-Tribunal huwa konvint li jista' jagħmel l-istess.

[47] L-istudji prinċipali kienu: **<u>The Distinctive Features Of Tortious Responsibility For Football Injuries</u>**, ta' Shaun Borg Cardona (A Thesis in partial fulfilment of the degree of Doctor of Laws – University of Malta – May 2016) u **<u>Sports Incidents: Incurring Responsibility Beyond the Playing Field</u>** ta' Daniel Cutajar (Dissertation submitted in partial fullfilment of the requirements for the Degree of Bachelor of Laws (Honours) (LL.B Hons) – University of Malta – May 2020)

Illi wkoll jingħad mill-ewwel li din hija azzjoni li titlob li tinstab ħtija akwiljana kontra tellieqa oħra li ħadu sehem f'dan l-avveniment sportiv. Mhux qiegħed jiġi addebitat xi tort lil min organizza l-istess avveniment, jew lil min offra servizz relatat miegħu. Li kieku kien hekk kienu jidħlu kunsiderazzjonijiet oħra[48].

Illi dwar l-aspetti li jirringwadraw materja ta' ħtija extra-kontrattwali, dan it-Tribunal (għalkemm b'fatti differenti minn dawk tal-lum) diġa iddedika biżżejjed ħin fuqhom f'sentenzi preċedenti u qiegħed jagħmel riferiment għalihom u għal-każistika hemm iċċitata mingħajr il-ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess[49]. Mit-trattazzjoni finali huwa ovvju li l-avukati difensuri tal-partijiet fehmu sew l-elementi legali meħtieġa sabiex tirnexxi jew tintilef l-azzjoni odjerna u d-difiżi li jistgħu jiġu utilizzati.

Illi kjarifikat dan kollu iżda imiss li jitqiesu xi aspetti partikolari ta' din il-kwistjoni. Il-punt kardinali huwa jekk il-prinċipji ġenerali tad-dritt għandomx applikabbilitá *mutatis mutandis* għall-fatti li għandu dan it-Tribunal u ċioé jekk, persuna li tidħol għall-avveniment sportiv h'ijiex skond iċ-ċirkostanzi offruta l-istess protezzjoni normalment emerġenti minn relazzjoni extra-kuntrattwali u l-korrolarju ta' jekk konvenut f'tali kawżi jistaħx jutilizza difiżi li ġenerlament jintużaw f'każijiet similijiet. Għal dan it-Tribunal, li jistqarr kellu jieħu ż-żmien tiegħu sabiex jistudja materjal speċifiku, inkluż sentenzi lill'hinn minn xtutna,

[48] F'dan is-sens utli li ssir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Nathaniel Vella vs Badger Company Limited,** (Rik Ġur Nru: 167/11) deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' Novembru 2020 (mhux appellata).

[49] Għalkemm f'kuntest totalment differenti, il-prinċipji ġenerali ġew studjati fis-sentenzi ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Lucia Fenech vs Christopher Frendo**, (Tlb Nru: 153/2018) mogħtija nhar il-25 ta' Frar 2021 (ikkonfermata fl-appell nhar il-5 ta' Novembru 2021) u **Antoinette Duffin vs Shawn Zammit**, (Tlb Nru: 548/2018) mogħtija nhar is-16 ta' Settemru 2021 (mhux appellata)

jgħid li l-azzjoni tal-attur fiċ-ċirkostanzi fattwali ta' dan il-każ hija destinata tfalli u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi huwa ndubitat li meta l-attur iddeċieda li jipparteċipa f'din it-tellieqa[50], hu għamel hekk bil-kuxjenza totali u nkundizzjonata[51] li dak l-inċident li seħħ seta fil-fatt javvera ruħu[52]. Dan qiegħed jingħad għaliex huwa bil-wisq naturali li, fil-

---

[50] Huwa ferm interesseanti l-kunċett tar-*rischio consentito* li tiġi utilizzata fi ħdan id-Dritt Taljan. Dwar din it-tematika ġie ritenut hekk: *"la responsabilità non sussiste...se le lesioni siano la conseguenza di un atto posto in essere senza la volontà di ledere e senza la violazione delle regole dell'attività, e non sussiste neppure se, pur in presenza di violazione delle regole proprie dell'attività sportiva specificamente svolta, l'atto sia a questa funzionalmente connesso... In entrambi i casi, tuttavia il nesso funzionale con l'attività sportiva non è idoneo ad escludere la responsabilità tutte le volte che venga impiegato un grado di violenza o irruenza incompatibile con le caratteristiche dello sport praticato, ovvero col contesto ambientale nel quale l'attività sportiva si svolge in concreto, o con la qualità delle persone che vi partecipano."* - Cass. civ., sez. III, 8 Awwissu 2002, n. 12012.

[51] Fis-sentenza fl-ismijiet **David Gathergood vs Anchor Bay Leisures Limited,** (Ċit Nru: 1702/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Marzu 2012 (liema sentenza saret referenza għaliha mill-avukat difnesnur tas-soċjetá konvenuta u tal-konvenut Zammit) intqal hekk fuq dan lil-punt: *"Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi limsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta talkawżalita' mill-għamil tal-parti l-oħra. L-aspett ta-lvolontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor;*

[52] Fl-opra tiegħu **"Rediscovering the Law of Negligence",** l-awtur Allan Beever waqt li jkun qiegħed jispjega d-difiza *volenti non fit injuria*, partikolarmnet bil-kuntest ta' sport jgħid hekk: *"The natural reply is to say that A consented to the tackle because he consented to play rugby knowing that, in the game, players would tackle him. However, while it is perfectly true that A consented to play a game in which he knew he would be tackled, this does nothing to prove that the consented to the tackle in question. What A consented to was the game, not the tackl.e ONe might say that A consented to be being tackeld in general during the game, but he did not consent to the individual tackle that occurred in the second situation. This means that the volenti defence does apply, but it does not apply in the same way as it applied to the first situation. In that case, A chose to be tackled. In the second, A did not choose to be tackled, but did choose to engage in an activity in which he knew he would be tackled. We need to refine this accounts latter, but it suffices for the moment to express this distinction by saying that the volenti defence applies in the first case because A chose to eb tackled but in the second case only because A consented to an activity which included the risk of being tackled ruing the course of the game"* – HART Publishing, 2007, a fol 347.

paramteri normali tal-isport ippratikat mill-kontendenti Schembri, Attard u Zammit, l-enfasi ta' tellieqa simili huwa propju dak li jseħħ lejn l-aħħar tagħha u ċioé meta grupp t'atleti jispiċċaw viċin ta' xulxin bit-tir li wieħed minnhom jasal l-ewwel. Anzi, huwa propju f'dan il-mument, kif wara kollox ħareġ mill-provi li atleti simili jkunu qegħdin għaddejjin b'veloċita qawwija, fejn ukoll ikunu fuq saqajhom jagħtu s-salt u r-rota tkun b'mod naturali qiegħda tixxengel minn naħa għall-oħra, li huwa verament probabbli li inċident simili iseħħ[53]. Hanwhekk, m'għandiex każ fejn wieħed mill-konvenuti kiser xi regola, bħal per eżempju ta' daqqa ta' sieq lil xi atleta ieħor waqt li kien qiegħed jippedala. Ħareġ u rriżulta ċar li ma kien hemm xejn minn dan. Hawnhekk, l-attur kien konxjentement u b'mod espress aċċetta li dan l-inċident probabbilment seta jseħħ[54].

Illi kif jaraha dan it-Tribunal ma kien hemm xejn kemm mill-konvenut u kemm mill-kjamat in kawża li jmur lill'hinn mir-responsabbilitá jew mir-regoli ta' dan l-isport.[55] Għalhekk din is-sitwazzjoni hija totalment differenti minn l-uniku

---

[53] Hija ċelebri u konstentement ċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Rootes vs Shelton,** mogħtija mill-High Court (Awstralja) fejn il-Prim Imħallef Barwick CJ kien qal hekk: "*By engaging in a sport or pastime the participants may be held to have accepted risks which are inherent in that sport or pastime: the tribunal of fact can make its own assessment of what the accepted risks are: but this does not eliminate all duty of care of the one participant to the other. Whether or not such a duty arises, and, if it does, its extent, must necessarily depend in each case upon its own circumstances. In this connection, the rules of the sport or game may constitute one of those circumstances: but, in my opinion, they are neither definitive of the existence nor of the extent of the duty; nor does their breach or nonobservance necessarily constitute a breach of any duty found to exist.'* Parti minn din is-silta ukoll tinstab fl-opra **Tort** ta' Winfield & Jolowicz, Sweet & Maxwell, 20 edizzjoni, 2020 a fol 740.
[54] Dan għad-differenza ma dak li nstab fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace,** ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-5 ta' Marzu 1986.
[55] Dwar dan issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Caldwell vs Maguire u Fitzgerald,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Ingliża) nhar is-27 ta' Ġunju 2001, fejn ġew enunċjati s-segwenti prinċipji minn Lord Justice Tuckey: *""[1] Each Contestant in a lawful sporting contest (and in particular a race) owes a duty of care to each and all other contestants. [2] That duty is to exercise in the course of the contest all care that is objectively reasonable in the prevailing circumstances for the avoidance of infliction of injury to such fellow contestants.[3] The prevailing circumstances are all such properly attendant upon the contest and include its object, the demands inevitably made upon its contestants, its inherent dangers (if any), its rules, conventions and customs, and the standards, skills and judgment reasonably to be expected of*

eżempju li sab dan it-Tribunal fil-ġurisprudenza lokali tagħna fuq dan l-aspett partikolari (naturalment fl-ambitu t'azzjoni ċivili)[56]. Li kieku instab li xi wieħed mill-konvenuti ikun mar lill'hinn mill-obbligi sportivi assunti minnu, il-konklużjoni kienet, possibbilment, tkun waħda differenti.

Illi issa, it-Tribunal huwa wkoll konxju tal-fatt li wieħed jista jagħmel distinzjoni bejn persuna li tipprattika xi sport bħala delizzju jew bħala professjonist. Fil-fatt skond duttrina Anglo-Sassina hija mistennija ferm aktar attenzjoni minn persuna li tipprattika xi sport bħala professjonist[57]. Madanakollu, tant kemm dan it-Tribunal ma jistax jsib xejn negliġenti, imqar xi *culpa* fi grad anqas fil-

---

*a contestant. Thus in the particular case of a horse race the prevailing circumstances will include the contestant's obligation to ride a horse over a given course competing with the remaining contestants for the best possible placing, if not for a win. Such must further include the Rules of Racing and the standards, skills and judgment of a professional jockey, all as expected by fellow contestants. [4] Given the nature of such prevailing circumstances the threshold for liability is in practice inevitably high; the proof of a breach of duty will not flow from proof of no more than an error of judgment or from mere proof of a momentary lapse in skill (and thus care) respectively when subject to the stresses of a race. Such are no more than incidents inherent in the nature of the sport. [5] In practice it may therefore be difficult to prove any such breach of duty absent proof of conduct that in point of fact amounts to reckless disregard for the fellow contestant's safety. I emphasise the distinction between the expression of legal principle and the practicalities of the evidential burden."*

[56] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Luke Licari vs Ryan Mock,** (Rik Ġur Nru: 784/2015) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Diċembru 2018 (mhux appellata).

[57] Sir John Donaldson, li kien Master of the Rolls fis-sentenza fl-ismijiet **James Condon vs Gurdaver Basi** kien qal hekk: *"Having set out the test - which is the test which I think was applied by the learned county court judge -I ought to turn briefly to the facts, adding before I do so that it was submitted by Mr. Lee on behalf of the appellant that the standard of care was subjective to the defendant and not objective, and if he was a wholly incompetent football player, he could do things without risk of liability which a competent football player could not do. For my part I reject that submission. The standard is objective, but objective in a different set of circumstances. Thus, there will of course be a higher degree of care required of a player in a First Division football match than of a player in a Fourth Division football match. But none of these sophistications arise in this case, as is at once apparent when one looks at the facts."* - [1985] EWCA Civ 12 , mogħtija fit-30 t'April 1985.

komportament tal-konvenut u l-kjamat in kawża, li lanqas din id-distinzjoni (jekk mhux sofiżmu), ma tgħin lill-attur.

Illi allura, iddur fejn iddur, dan it-Tribunal ma jsibx li jista' jakkolji t-talba tal-attur u konsegwentement sejjer jiċħad l-istess bħala mhux mistħoqqa. Naturalment, dan ifisser li ma hemm l-ebda dannu x'jitħallas.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetá konvenuta u għalhekk jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, jilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut u tal-kjamat in kawża u konsegwentement jiċħad t-talba tal-attur.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-attur.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur